MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 53/2000/1

Joseph Baldacchino u martu Mary Baldacchino u l-istess Mary Baldacchino personalment u ghan-nom ta' bintha imsiefra Tania Antonia Minkies u
Mary Josephine St, John assumew l-atti minnflok Joseph Baldacchino li miet fil-moti tal-kawza

vs

Avukat Dottor Tonio Azzopardi u Prokuratur Legali Jane Saliba nominati kuraturi rispettivament b`digriet tat-3 ta` Jannar u ta` l-4 ta` Jannar 2000 biex jirraprezentaw l-eredita` giacenti ta` Elisa sive Elizabeth Genius u tal-benefedekummisarji ta` l-istess

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi l-attur Jospeh Baldacchino huwa intitolat jithallas ta` l-ispejjez kollha li huwa inkorra fil-kawza fil-kawza Citazzjoni Numru 563/86 deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju, 1994, kif ukoll l-ispejjez kollha li huwa kien kostrett jaghmel sabiex tinghata esekuzzjoni ghall-imsemmija sentenza u ghall-assenjazzjoni u trasferiment ta` l-art konsegwenti ghall-istess sentenza, permezz ta` l-att ta` l-15 ta` Mejju 1998 tan-Nutar Dottor Pierre Attard;

Illi l-eredita` giacenti konvenuta naqset li tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta` l-ispejjez kollha imsemmija;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti kuraturi deputati jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m`ghandiex din il-Qorti prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmija eredita` giacenti u beni fedekummissarji jhuma responsabbli ghall-hlas lill-atturi ta` l-ispejjez tal-kawza Citazzjoni Numru 563/86 deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju 1994 u ta` l-ispejjez kollha konnessi u sussegwenti ma` l-esekuzzjoni ta` l-imsemmija sentenza, inkorsi mill-attur, (a) tillikwida l-ispejjez kollha imsemmija, u (b) tikkundanna lill-eredita` giacenti u beni fedekummisarji konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata, bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tas-16 ta` Dicembru 1999 u tar-rikors ta` l-istess data, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta` l-atturi debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati nomine fejn gie eccepit:

Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u jirrizervaw li jissollevaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Illi t-talbiet attrici qeghdin jigu kontestati;

Illi biex l-atturi jkunu intitolati jithallsu ta` l-ispejjez kollha li huma inkorrew fil-kawza citata, kif qeghdin jghidu li huma intitolati li jithallsu, jehtieg li jigi ppruvat illi huma kellhom il-kunsens ta` l-eredita` preventivament biex jinkorru tali spejjez, liema kunsens ma jidhirx li kien jissussisti fil-kaz odjern. L-eredita` giacneti, gahlehkk, ma kellhiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta` l-ispejjez ladarba l-atturi la fittxew li jottjenu u wisq anqas kisbu l-kunsens ta` l-eredita` giacenti preventivament, cioe` qabel ma inkorrew l-ispejjez li issa qeghdin jippretendu r-rimbors taghhom;

Rat id-dijarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet lill-attur Joseph Baldacchino;

Rat l-affidavit tal-istess attur Joseph Baldacchino;

Ratl-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li l-attur Jospeh Baldacchino huwa intitolat jithallas ta` l-ispejjez kollha li huwa inkorra fil-kawza Citazzjoni Numru 563/86 deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju, 1994, kif ukoll l-ispejjez kollha li huwa kien kostrett jaghmel sabiex tinghata esekuzzjoni ghall-imsemmija sentenza u ghall-assenjazzjoni u trasferiment ta` l-art konsegwenti ghall-istess sentenza, permezz ta` l-att ta` l-15 ta` Mejju 1998 tan-Nutar Dottor Pierre Attard. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-eredita’ gjacenti konvenuta u beni fedekummissarji huma responsabbli ghall-hlas lill-atturi ta` l-imsemmija spejjez kollha. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn l-ispejjez u li l-konvenuti kuraturi deputati jigu kkundannati jhallsu s-somma hekk likwidata;

Il-konvenuti kuraturi deputati nomine qed jeccepixxu li biex l-atturi jkunu intitolati jithallsu ta` l-ispejjez kollha in kwestjoni, l-istess atturi ghandhom jipprovaw li kellhom il-kunsens ta` l-eredita` konvenuta preventivament biex jinkorru tali spejjez, liema kunsens ma jidhirx li kien jissussisti fil-kaz odjern;

Mill-imsemmija sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta` Mejju, 1994, fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Baldacchino vs Dr. Joseph Said Pullicino LL.D. fil-kwalita tieghu ta' amministratur tal-beni fedekummissarji u esekutur testamentarju tal-eredita' gjacenti tal-mejta Elisa sive Elizabetta Genuis" jirrizulta li gie dikjarat li l-ghalqa "Tal-Blat" fil-limitita' Hal Qormi tappartjeni kwantu ghal sesta parti lill-attur u kwantu ghal hames partijiet minn sitta lill-konvenut nomine;

Fl-istess sentenza din l-ghaqa giet diviza bejn il-kontendenti b'assenjazzjoni skond l-imsemmija kwoti u gie mahtur Nutar biex jippubblika l-att relattiv u Avukat biex jidher ghall-eventwali kontumaci. Fl-ahharnett gie deciz li l-ispejjez kellhom jithallsu miz-zewg kontendenti skond ir-rispettivi kwoti;

Hu ovvju li l-ispejjez ghandhom jithallsu skond kif gie deciz fl-istess sentenza. Ghalhekk l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu skond il-kwoti kif decizi fl-istess sentenza. Dawn l-ispejjez jinkludu ukoll dawk konnessi mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li issir din il-kawza stante li kull ma kellhom jghamlu l-atturi hu li jitolbu taxxa kompleta cioe li tinkludi l-ispejjez tal-att notarili u jekk iridu jesegwixxu dik it-taxxa;

Barra minn hekk l-attur Joseph Baldacchino esebixxa faxxikolu li fih hemm indikati l-ispejjez kollha li huwa qed jippretendi (Dokument AX1). Inkluz f'dan il-faxxikolu hemm ittra datat 11 ta' Gunju 1998 u iffrimata mill-Perit Paul Camilleri li kien gie nominat bhala perit tekniku fl-imsemmija proceduri precedenti. Minn din l-ittra jirrizulta li kienet giet assenjata lill-attur Joseph Baldacchino porzjoni ohra mill-artijiet in kwestjoni bhala kumpens tal-ispejjez kollha li kien hareg l-istess Baldacchino u li huwa kellu id-

dritt li johodhom lura minnghand il-konvenuti nomine. Ghalhekk jidher li l-pretensjonijiet tal-atturi kif dedotti f'din ic-citazzjoni in effett gia gew sodisfatti;

Fl-istess ittra hemm imnizzel ukoll li l-stess attrur hareg spejjez addizzjonali fl-ammont ta' sitt mitt liri maltin (Lm600). Ma hemm l-ebda indikazzjoni, pero', f'xix kienu jikkonsistu dawn l-ispejjez addizzjonali;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------